C/2025/5532

14.10.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12154 – ADVENT / NEXTALIA / TINEXTA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5532)

1. Fit-2 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Advent International, L.P. ("Advent", L-Istati Uniti),

— Nextalia SGR S.p.A. ("Nextalia", l-Italja),

— Tinexta S.p.A. ("Tinexta", l-Italja), attwalment ikkontrollata minn Tecno Holding S.p.A. (l-Italja)

Advent u Nextalia se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Tinexta kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fil-5 ta' Awwissu 2025.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Advent huwa investitur ta' ekwità privata li jiffoka fuq l-akkwist ta' ishma azzjonarji u l-ġestjoni ta' fondi ta' investiment f'diversi setturi, inklużi l-kura tas-saħħa, l-industrija, it-teknoloġija, il-bejgħ bl-imnut, id-divertiment, in-negozju u s-servizzi finanzjarji,

— Nextalia hija kumpanija tal-ġestjoni tal-assi li tinvesti primarjament f'kumpaniji Taljani sabiex taċċellera l-perkors ta' tkabbir sostenibbli tagħhom,

— Tinexta hija kumpanija b'ishma konġunti li tipprovdi servizzi biex tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali u l-innovazzjoni tal-proċessi, li topera permezz ta' tliet unitajiet tan-negozju: Digital Trust, Cybersecurity, and Business Innovation.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12154 — ADVENT / NEXTALIA / TINEXTA

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË